MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tas-17 ta' Frar, 2003

Talba Numru. 2945/2002

***Emanuel Bezzina f'ismu proprju***
***kif ukoll ghan-nom ta' Gardenia Stores***

***vs***

***Joseph Ellul***

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-10 ta' Dicembru, 2002, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attur proprio et. nomine s-somma ta' sitt mija u sittin lira Maltin (Lm660) rappresentanti bilanc minn somma akbar dovuta lill-attur ghal *equipment* u apparat iehor mixtri min ghand l-attur fuq inkarigu tal-konvenut.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittri bonarji tat-30 ta' Settembru 2002 u 22 ta' Ottubru 2002 u bl-imghax legali mid-data meta kellu jsir il-pagament effettiv, kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut debitament notifikat baqa’ ma deherx u l-anqas ma pprezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta’ l-avukat Dr. Chris Cardona ghan-nom ta’ l-attur proprio et. nomine, li kkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur proprio et. nomine s-somma ta’ sitt mija u sittin lira Maltin (Lm660), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta’ dina l-istanza, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

--------------------------------TMIEM--------------------------------